il-Gżejjer

IS-SEBA' SENA — MARZU 1978 — Nru. 79

# DR. FATHI ARAFAT F'MALTA



Dr Fathi Arafat, President tar-Red Crescent tal-Għaqda għall-Ħelsien tal-Palestina, dan l-aħħar kien Malta biex jiddiskuti mal-Prim Ministru s-Sur Mintoff u mal-Ministru tas-Saħħa u Ambjent Dr Moran fuq żvilupp u koperazzjoni, fuq bażi aktar permanenti, fis-servizz mediku. Fir-ritratt, il-Ministru Moran jidher flimkien ma' Dr Arafat qabel dan telaq minn Malta.

# IL-MINISTRU WISTIN ABELA JILTAQA' MAL-KUMITAT TAL-HADDIEMA TAL-POSTA

Fil-Berġa ta' Kastilja, il-Ġimgħa, 10 ta' Frar, il-Ministru ta' l-Iżvilupp, Enerġija, Port u Telekomunikazzjonijiet, is-Sur Wistin Abela, iltaqa' mal-Kumitat tal-Ħaddiema tad-Dipartiment tal-Posta.

Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm ukoll is-Sur Toni Pellegrini, Chairman tal-Kumitat maħtur mill-Gvern biex jimplimenta t-twaqqif tal-Kumitati tal-Ħaddiema; is-Sur George Borg, Postmaster General; is-Sur Jackie Calamatta, Segretarju tat-Taqsima tal-Gvern tal-G.W.U. u s-Sur Alfred Vella, President tat-Taqsima tal-Gvern tal-G.W.U.

**Il-Ministru Wistin Abela beda biex feraħ lill-membri li ġew eletti sabiex jiffurmaw l-ewwel Kumitat tal-Ħaddiema f'Dipartiment tal-Gvern. Hu qal li minkejja dak kollu li sar biex dawn il-Kumitati tal-Ħaddiema ma jkollhomx suċċess, il-ħatra ta' dan il-Kumitat uriet biċ-ċar kemm dawn it-talin fallew.**

In-numru ta' dawk li vvutaw — 94% ta' dawk kollha li setgħu jivvutaw — hu xhieda li l-ħaddiema jriduhom il-Kumitati tal-Ħaddiema. Il-Ministru Abela qal li dan hu ta' sodisfazzjon għalih u għall-Gvern. Huwa mbagħad ħeġġiġhom sabiex jagħtu sehemhom mill-aħjar li jistgħu ħalli l-Posta timxi b'aktar effiċjenza u b'hekk il-poplu jingħata servizz aħjar u naturalment huma wkoll igawdu minn dawn il-benefiċċji.



**Il-Ministru Wistin Abela waqt il-laqgħa li kellu mal-Kumitat tal-Ħaddiema tal-Posta**

Is-Sur Leli Gili, għan-nom tal-Kumitat tal-Ħaddiema rringrazzja lill-Ministru Wistin Abela u lill-Gvern Soċjalista għall-opportunità li qed jagħti lill-ħaddiema sabiex ikollhom sehem dirett fit-tmexxija tal-post fejn jaħdmu għax dan huwa xhieda tal-fiduċja li dan il-Gvern għandu fil-ħaddiem.

# GHOTJA LILL-MINISTRU TA' L-EDUKAZZJONI

Fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, it-Tnejn, 27 ta' Frar, is-Sur A. Abugela u l-Inġinier J. Dermish, id-Dean tal-Libyan Higher Institute of Mechanical and Electrical Engineering (San Ġorġ), ippreżentaw Frequency Counter, Digital Multimeter u Digital Strain Bridge lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, l-Onor. Philip Muscat.

**Il-Ministru Muscat waqt il-preżentazzjoni**



**Il-Ministru, fil-waqt li rringrazzja lis-Sur Abugela u lis-Sur Dermish għal din il-għotja, qal li aħna l-Maltin nikkunsidraw ruħna bħala l-aħwa tal-Libjani u għalhekk hija ħaġa tajba li ninkoraġġixxu lil uliedna jistudjaw flimkien u hekk inkunu qed naħdmu id f'id u nistinkaw għall-progress fil-paċi.**

L-Inġinier Dermish, min-naħa tiegħu, irringrazzja lill-Ministru għall-għajnuna tiegħu u ta' l-uffiċjali ta' l-Edukazzjoni ta' l-għajnuna li qed jagħtu lill-istudenti Libjani li qed jistudjaw fil-Polytechnic u l-Istitut Tekniku ta' Raħal Ġdid. Huwa faħħar l-ispirtu ta' koperazzjoni tal-għalliema u studenti Maltin.

Huwa qal li l-Libjani min-naħa tagħhom qed jaħsbu biex 'il quddiem jibda jsir bdil ta' studenti bejn Malta u l-Libja biex b'hekk l-istudenti barra li jkabbru l-esperjenza, joħolqu sens ta' ħbiberija akbar bejn iż-żewġ pajjiżi.

# IL-MINISTRU CREMONA JŻUR IL-BLUE BELL

Nhar il-Ħamis, 23 ta' Frar, il-Ministru ta' l-Industrija, Sajd u Agrikoltura, is-Sur Danny Cremona, għamel żjara lill-fabbrika ta' Blue Bell Malta Ltd. Huwa kien akkumpanjat mis-Segretarju Privat tiegħu, is-Sur George Carbone, mis-Sur Richard Matrenza u mis-Sur Joe Cassar. Il-Ministru ġie milqugħ fil-fabbrika mis-Sur George Borg, General Manager, mis-Sur Alfred Fabri, Personnel Manager, mis-Sur Joe Pace, Finance Controller, mis-Sur Paul Farrugia, Administration Manager, u mis-Sur Noel Agius, Manufacturing Manager.

Il-Ministru wera l-apprezzament tiegħu għall-fatt li meta jkun hemm koperazzjoni bejn management u ħaddiema, kif kien jidher biċ-ċar li huwa l-każ tal-Blue Bell, industrija timxi 'l quddiem. Il-Ministru irrefera għar-relazzjonijiet tajba li jeżistu bejn ħaddiema u oħra u anke għas-sehem posittiv li tat il-Union u l-koperazzjoni li din sabet mill-management tal-kumpanija. **Huwa ta' sodisfazzjon, qal il-Ministru, li tara li din hija fabbrika li mill-1976 'il hawn tmexxiet kollha kemm hi mill-Maltin u li mhux biss żiedet fil-livell ta' esportazzjoni, li llum tlaħħaq is-somma ta' £M23 miljun, iżda wkoll li dalwaqt jitlesta blokk ieħor b'żieda mal-fabbrika li diġà hemm.**

Il-kumpanija tal-Blue Bell għandha fabbrika oħra fil-Qasam Industrijali ta' Għawdex, u, b'kollox tħaddem 1,400 ruħ. Il-Blue Bell timmanifattura qliezet u ġgieget magħrufin bħala 'jeans'.

# ŻJARAT LIL MR. SPEAKER

Parti mix-xogħol tas-Sur Kalċidon Agius, bħala Speaker tal-Kamra tad-Deputati, huma ż-żjarat ta' kortesija li jsiru regolarment lilu mill-membri tal-Korp Diplomatiku.

Nhar il-Ħamis, 16 ta' Marzu, is-Sur Agius kellu laqgħa ta' kortesija mill-Kummissarju Għoli Ingliż Mr Norman Aspin fl-Uffiċċju tiegħu fil-Palazz, il-Belt.

Fir-ritratt, is-Sur Norman Aspin, jidher qiegħed jiffirma l-ktieb tal-viżitaturi fl-Uffiċċju tas-Sur Agius.



# Is-Sistema Metrika

| Biex taqleb | immultiplika bi |
|---|---|
| pulzieri għal ċentimetri | 2.540 |
| piedi għal metri | 0.3048 |
| jardi għal metri | 0.9144 |
| qasab għal metri | 2.096 |
| mili għal kilometri | 1.609 |
| pulzieri kwadri għal ċentimetri kwadri | 6.452 |
| metri kwadri għal piedi kwadri | 10.76 |
| jardi kwadri għal metri kwadri | 0.8361 |
| mili kwadri għal kilometri kwadri | 2.590 |
| qasab kwadri għal metri kwadri | 4.391 |
| tmien għal ettari | 0.112 |
| pulzieri kubi għal ċentimetri kubi | 16.39 |
| piedi kubi għal metri kubi | 0.02832 |
| jardi kubi għal metri kubi | 0.7646 |
| pulzieri kubi għal litri | 0.01639 |
| galluni għal litri | 4.546 |
| uqijiet għal grammi | 28.35 |
| libbri għal grammi | 453.6 |
| libbri għal kilogrammi | 0.4536 |
| tunnellati għal kilogrammi | 1016.00 |

# ĦSIBIJIET GĦAL ŻMIEN IR-REBBIEGĦA

Il-ġranet sbieħ tax-xahar ta' Marzu jagħtu bidu għall-isbaħ staġun tas-sena — ir-Rebbiegħa — meta l-ward tal-ġonna jbexxaq għajnejh sabiex jagħti l-ewwel ħarsa tiegħu lejn il-ħolqien madwaru, meta l-għana ta' l-għasafar joktor b'mod li int ukoll thossok trid tingħaqad f'din l-attività kbira tan-natura.

Din il-festa ta' lwien u s-sħana dejjem tiżdied tax-xemx Maltija jqanqlu fina għadd gmielu ta' ħsibijiet dwar kemm tista' tkun aħjar il-ħajja tagħna f'dan iż-żmien, dwar kemm nistgħu ngħinu aktar biex ma ntebbgħux dan iż-żmien bil-apatija u n-nuqqas ta' sens ċiviku li, sfortunatament għadhom juru għadd kbir ta' Maltin.

U kif jixraq f'din il-paġna, l-appell tagħna huwa mmirat l-aktar għan-nisa tad-dar li huma fid-dmir u fl-aħjar pożizzjoni biex igħinu ħalli dak li hu sabiħ, dak li hu tagħna b'wirt nazzjonali, jiġi mħares b'ċertu sens ta' kburija.

Iridu jkunu l-ommijiet Maltin biex irawwmu 'l uliedhom ħalli jitilgħu ċittadini tajbin u li japprezzaw il-ħtieġa tal-ħarsien tal-ambjent naturali u Malti. Iridu jkunu l-ommijiet Maltin li jedukaw, flimkien ma' l-għalliema fl-iskejjel, lil uliedhom biex jifhmu l-ħtieġa tan-natura f'Malta.

In-natura għandha ġlieda qalila x'tissielet fid-dinja moderna. Aktar ma l-bniedem jimxi 'l quddiem f'dik li hija teknoloġija aktar tidher ċara t-theddida għal dak kollu li hu naturali — ibda' mill-annimali u spiċċa bil-fjuri ċkejknin slavaġ li wħud minnhom huma tagħna l-Maltin biss b'wirt li għandu jkun għażiż daqs l-istess wirt ta' monumenti storiċi.

**Hija ħasra kbira f'Malta li għad baqa' għadd ġmielu ta' vandali li jeħlu ma' rashom is-siġar żgħar u pjanti li l-Gvern jiżra' f'inħawi differenti tal-gżira minn żmien għal żmien. Il-vandalu huwa bniedem nieqes għal kollox mill-maturità u jitrażżan biss permezz tar-rieda soda u l-liġi, iżda li dawn is-siġar għandhom ikunu vittmi wkoll ta' tfal li għadhom imorru l-iskola hija xi ħaġa li għandha tħammrilna wiċċna mhux ftit.**

Il-Gvern preżenti rnexxielu joħloq inħawi sħaħ ta' ħdura permezz ta' eluf ta' siġar li nżergħu biex isebbħu l-oqsma tad-djar ġodda li nbnew kif ukoll fil-kampanja fejn il-ħtieġa ta' dawn is-siġar tiġi nnutata saħansitra mill-eluf ta' barranin li jżuru gżiritna.

L-akbar qerda ta' siġar u pjanti saret f'dawn l-oqsma tad-djar fejn ommijiet irresponsabbli ħallew lil uliedhom jagħmlu l-ħsara lil ħwejjeġ li ma kienu qegħdin jagħmlu deni lil ħadd, anzi bdew jikbru u jsebbħu l-ambjent tal-post li fih igħixu l-ħaddiema u l-familji tagħhom.

L-ommijiet Maltin hemm bżonn jifhmu li huwa fl-interess tagħhom u ta' l-istess uliedhom li l-kampanja tal-Gvern għat-tħaddir ma' kullimkien ma tisfax imfixkla minn dawn l-atti ta' vandaliżmu.

Hemm każi, per eżempju, fejn l-omm flok ċanfret lil uliedha għax dawn kissru xi pjanti għalxejn b'xejn ħaditha qatta' bla ħabel kontra min ipprova jagħtihom ħasla wara li qabadhom fil-fatt. Jidher li wħud minna għadhom ma fehmux il-fatt li biex jinżergħu dawk is-siġar u jiġu msewwija minn żmien għal żmien iridu jintefqu flus il-poplu — l-istess poplu li parti minnu għadha ma ħassitx din il-ħtieġa ta' ħarsien tas-siġar f'Malta.

Bl-istess nuqqas ta' responsabbiltà għadek tara min imur fil-kampanja biex jiddeverti fil-weekend u jħalli warajh mandra sħiħa — laned, qxur tal-frott, karti u ħmieġ ieħor li seta' faċilment inġabar u ttieħed lura d-dar biex imbagħad jintrema' bil-manjiera ċivilizzata li trawmet matul il-milja taż-żmien.

**Hemm bżonn li l-mara Maltija tifhem darba għal dejjem li d-dinja tagħha ma hix mill-għatba 'il ġewwa. Dak iż-żmien spiċċa. Illum il-mara u l-familja tagħha għandhom iħossuhom kburin bil-ġmiel ta' art twelidhom u bis-seħer tan-natura li żżejjen dawn il-Gżejjer Maltin.**

Din il-ħtieġa hija kbira mhux biss għax fostna llum qed ikun hawn eluf kbar ta' barranin. Il-Gvern jaċċenna fuq il-ħtieġa ta' aktar indafa u ħarsien akbar tan-natura mhux biex it-turisti li jżuruna jmorrux lura lejn pajjiżhom b'togħma morra. Mhux biex sempliċiment jiġu ffrankati l-ispejjeż meħtieġa biex tissewwa l-ħsara li ssir. Iżda biex aħna stess, Maltin ma' Maltin, nidraw ngħixu f'ambjent aktar nadif u sabiħ, sabiex uliedna jitilgħu japprezzaw aktar dak li hu sabiħ u ħlejju.

Illum kull mara Maltija tħossha kburija bil-ġmiel u l-organizzazzjoni ta' darha. Il-livell ta' għixien fostna l-Maltin kiber b'tali mod li jikkompara sewwa ma' dak ta' l-aktar pajjiżi żviluppati.

Ejjew naraw li nagħmlu l-istess mill-għatba 'l barra. Issa huwa ż-żmien idejali għal dan ilgħan...

# MALTA TAQLEB GHAS-SISTEMA METRIKA

## millimetri (mm) mhux pulzieri




## millimetres (mm) not inches

Maħruġ mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni għall-Kumitat għall-Bidla Metrika.

# inti u l-liġi

*Raġel u mara miżżewġin bla tfal, għamlu testment "unica charta" fejn ħallew lil xulxin eredi universali u proprjetarji assoluti tal-ġid rispettiv tagħhom.* (1) *Jekk imut xi ħadd minnhom, u jkollu ħutu u xi ħadd mill-ġenituri ħajjin, dawn għandhom dritt għal xi ħaġa?* (2) *Jista' xi ħadd minn dawn iż-żewġ miżżewġin ibiddel it-testment, billi, per eżempju jagħmel testment sigriet?* (3) *Hemm xi mezz li bih l-aħwa ta' xi ħadd minn dawn il-miżżewġin jiret il-ġid kollu?*

La hemm testment fejn ir-raġel u l-mara ħallew lil xulxin werrieta, l-aħwa ma jistgħu jirtu xejn. Imma jekk xi ħadd mill-ġenituri jibqa' ħaj wara l-mewt ta' xi ħadd minnhom, ikollu d-dritt għal-leġittma, jiġifieri terz tal-ġid tal-mejjet. (2) Anki jekk wieħed ikun għamel testment "unica charta", il-liġi ma timpedihx milli jagħmel ieħor għal rasu. (3) La hemm testment fejn il-miżżewġin ħallew lil xulxin werrieta, meta jmut l-ewwel wieħed mill-miżżewġin, l-ieħor jiret kollox u l-aħwa ma jidħlu f'xejn. Meta jmut it-tieni wieħed (is-superstiti) mill-miżżewġin, jekk ma jagħmilx testment ġidu kollu jaqa' fuq niesu. Jekk jagħmel testment ġidu jista' jħallih lil min irid, għax fejn m'hemmx ġenituri jew tfal (axxendenti jew dixxendenti) l-armel jew l-armla jistgħu jiddisponu mill-ġid kif iridu.

* * *

*Jiena għamilt senserija ta' dar. Laqqajt il-partijiet ftehmu fuq il-prezz, u saħansitra sar il-konvenju. Jien tħallast tas-senserija li għamilt. Issa, billi l-bejgħ ma sarx, waħda mill-partijiet trid tieħu s-senserija lura. Hemm dritt?*

Le. Meta s-sensal ikun irnexxielu jlaqqa' l-partijiet u dawn jiftehmu, ix-xogħol tiegħu ikun lest, u jkollu dritt għall-ħlas anki jekk il-kuntratt tal-bejgħ ma jsirx.

* * *

*Il-mara tiegħi xtrat xi ħwejjeġ u żraben għat-tfal bid-dejn, u lili ma qaltli xejn. Issa qed nirċievi l-kontijiet. La dan id-dejn sar mingħajr ma kont naf jien, obbligat inħallas?*

Skond l-artikolu 1373 kif emendat bl-att 46 tal-1973, kull dejn magħmul mill-mara miżżewġa, matul iż-żwieġ, għall-ħtiġiet tal-familja, hu dejn tal-komunjoni, u r-raġel, bħala kap tal-komunjoni, hu obbligat li jħallas.

*Għandi biċċa art fabbrikabbli li kont xtrajt snin ilu. Din il-biċċa art qegħda fuq it-triq, u billi għandha biċċa art oħra 'l ġewwa minnha, l-art tiegħi hi suġġetta għal servitu ta' passaġġ bir-riġel. Issa jekk jiena nibni din il-biċċa art, inkun nista' nsaqqaf dan il-passaġġ u nibqa' ntella' l-bini?*

Ara l-kuntratt jew l-att fejn hi msemmija din is-servitu'. Jekk hija sempliċi servitu' ta' pasaġġ bir-riġel, tista' tibni u tieħu l-arja; basta tħalli għoli raġjonevoli.

* * *

*Peress li jien l-aħħar waħda li żżewwiġt, għamilt żmien noqgħod fid-dar tal-ġenituri, flimkien ma' żewġi u uliedi. L-ewwel li miet, missieri, u jien bqajt noqgħod ma' ommi. Issa ommi mietet ukoll. Testment ma ħallewx. Ħuti iriduni noħroġ mid-dar. La jien għandi sehem mid-dar, bħala waħda mill-werrieta, ħuti jistgħu iġiegħeluni noħroġ?*

Veru li inti għandek sehemek mid-dar, bħala waħda mill-werrieta tal-ġenituri tiegħek, imma mhux inti biss għandek sehem; ħutek m'għandhomx sehemhom ukoll? L-artikolu 528 (b) tal-Kodiċi Ċivili igħid li meta ħaġa tkun proprjetà ta' aktar minn wieħed, ebda wieħed minnhom ma jista' jinqegħda bil-ħaġa kontra l-interess ta' l-oħrajn. Għalhekk ħutek, jekk iridu, jistgħu jitolbu l-Qorti biex id-dar tinbiegħ bis-subasta; u inti tkun obbligata li tbiegħ sehmek bħalhom. Ara kieku ġie f'ras il-ġenituri tiegħek, meta kienu ħajjin it-tnejn, li jikrulek id-dar, ma kienx ikollok il-problema li għandek.

* * *

*Żmien ilu kont tajt dar b'donazzjoni lil waħda minn uliedi. Għamilna l-kuntratt u tħallset it-taxxa tad-donazzjoni. Issa din it-tifla qed tittrattani ħażin kemm jista' jkun, tgħidli kliem inġurjuż u anki kulltant issawwatni. M'hemmx xi mezz biex inħassar id-donazzjoni u nieħu d-dar lura? Din id-dar dekontrollata.*

Id-donazzjoni, min-natura tagħha, hi irrevokabbli, jiġifieri ma tistax titħassar. Iżda meta min jirċievi d-donazzjoni jirrendi ruħu ħati ta' moħqrija jew ta' inġurja gravi lejn min kien għamillu d-donazzjoni, id-donazzjoni tista' titħassar. Naturalment, biex id-donazzjoni tkun tista' titħassar, iridu jitressqu l-provi quddiem il-Qorti li kien hemm verament moħqrija, jew inġurja gravi. Dan, skond l-artiklu 1883 (a) tal-Kodiċi Ċivili.

* * *

*X'jiġifieri "separazzjoni konsenswali"?*

Ġeneralment, is-separazzjoni tal-miżżewġin minn xulxin issir fil-Qorti Ċivili, b'kawża. Imma kulltant, il-miżżewġin, flok jidħru fil-Qorti biex jitolbu l-firda, jiftehmu li jagħmluha b'kuntratt, basta jkunu kuntenti it-tnejn — għalhekk isejħula "seprazzjoni konsenswali", għaliex flok issir b'ordni tal-Qorti, issir bil-kunsenes tat-tnejn. L-artikolu 71 tal-Kodiċi Ċivili igħid li dan il-kuntratt għandu jsir bis-setgħa mogħtija mill-Imħallef tas-Sekond'Awla, li, qabel ma jsir il-kuntratt, iwissi lir-raġel u lill-mara fuq il-konsegwenzi li s-separazzjoni iġġib magħha.

# IL-BERĠA TA' KASTILJA

In-nuqqas ta' fortifikazzjonijiet fuq l-Għolja Xeberras kien sewa lill-insara it-telfa ta' Sant Iermu fl-1565. Għalhekk il-kavallieri bdew malajr jaħsbu biex itellgħu swar qawwija li jkunu jħaddnu fihom belt ġdida — Valletta.

Fil-Belt il-ġdida il-Kavallieri ma baqgħux jgħixu f'collachio', jiġifieri bħal ma kienu jgħixu fil-Birgu, il-kavallieri kollha ġo parti mill-belt maqtugħin għalihom. Issa kull Lingwa kien ser ikollha id-dar tagħha — Berġa. U kull waħda minn dawn il-Bereġ, kienet se tkun qrib il-parti tas-swar li l-kavallieri ta' dik il-Lingwa kienu ser jiddefendu fil-każ li jkun hemm xi attakk.

Il-Berġa ta' Kastilja u Leon ġiet mibnija fuq l-ogħla parti tal-Belt, qrib il-Bastjun ta' San Ġakbu, fuq disinn ta' Gerolamo Cassar li kien ukoll ħa ħsieb jippjanta l-Bereġ l-oħra. Iżda ftit li xejn għad fadal minn dak li ħażżeż Cassar. Il-pjanta tal-Berġa kif nafuha llum tidher li waħda tas-seklu tmintax u mhux tas-seklu sittax, u jidher ukoll li l-faċċata li kellu l-ewwel bini ma kienetx twila daqshekk.

Fis-seklu tmintax il-Berġa ta' Kastilja kienet ġiet imtella' mill-ġdid fi żmien il-Gran Mastru Pinto. Id-disinn ta' l-1744 kien ġie fdat f'idejn l-arkitett Domenico Cachia. Dan kien diġà ħadem fuq il-knisja ta' Santa Liena ġewwa Birkirkara fl-1735, u ħadem ukoll fuq il-Palazz ta' Selmun. Il-bini mill-ġdid ta' Berġa kien l-aqwa biċċa xogħol fis-seklu tmintax ġewwa il-Belt.



Kastilja fl-antik

**Dehra tal-bitħa ta' Kastilja llum**



L-istil ta' Cachia juri li hu kien żar postijiet ġewwa l-Italja u Sqallija. Din kienet ħaġa komuni dak iż-żmien. B'hekk ħafna idejat dwar l-arkitettura Ewropeja kienu jsibu ruħhom imħaddmin ukoll ġewwa gżiritna. Il-Berġa ta' kastilja tiġbor fiha idejat Barokki addattati għall-ġebla Maltija, u jingħad li tagħti lemħa lill-Prefettura ġewwa Lecce. Għalkemm żamm ma' l-istil Barokk, Cachia irnexxielu joħnoq l-ornamenti żejda li s-soltu nassoċjaw ma' dan l-istil. L-element rustiku mbagħad fis-sular t'isfel jagħti dehra aktar b'saħħitha lill-bini. Dan kien meħtieġ minħabba it-tul tal-faċċata. Iżda ċerti qisien mhumiex eżattament daqs xulxin, u dan juri wkoll li Cachia kellu jippjanta fuq xi bini ieħor li kien hemm qabel.

Mat-tkeċċija ta' l-Ordni minn Malta, Il-Berġa, bħal bereġ l-oħra tilfet l-għan li kienet mibnija għalih oriġinarjament. Fi żmien l-Ingliżi, kienet tintuża bħala uffiċini tal-Ammiraljat Ingliż. Illum li ħlisna mill-ħakma kolonjali, dan il-bini jħaddan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru u l-Ministeru ta' l-Iżvilupp.

Ta min isemmi wkoll li meta Kastilja waqgħet taħt idejn il-Gvern Malti, sar xogħol kbir fuq ġewwa biex ikun jista' jakkomoda l-uffiċini tal-Gvern. Sar ukoll xogħol fil-bitħa li tinsab finnofs ta' Kastilja. Fiha tpoġġew siġar tal-larinġ u funtana fin-nofs. Issa din il-bitħa saret l-għaxqa kemm tal-Maltin u kif ukoll tat-Turisti li jżuruha jew jgħaddu minnha.

Fl-aħħar dan il-bini mibni minn arkitett Malti bħalna qiegħed jintuża mill-Maltin għall-Maltin infushom.

## HIDMA TAL-GVERN

# SIĠAR MA' MALTA KOLLHA



▲ **Għadd ta' xtieli f'waħda mill-mixtliet tal-Gvern lesti biex jittieħdu biex jiffurmaw ġonna u mixtliet ma' Malta kollha.**

**Id-Dipartiment ta' l-Agrikoltura ilu jagħmel kampanja biex iħaddar id-dehra ta' pajjiżna. Parti importanti minn din il-kampanja hija t-taħwil ta' siġar u arbuxelli fit-toroq ewlenin ta' kull raħal jew belt, fi Playing Fields, Housing Estates u Industrial Estates.**

Min ta' kuljum jgħaddi minn diversi toroq jinnnota l-ħdura li qiegħda tiżdied ta' kuljum. Hemm siġar li jikbru malajr, oħrajn li jdumu; siġar li jagħmlu l-fjuri u oħrajn li ma jagħmlux fjuri. Is-siġar barra li jpaxxu l-għajn, jagħtu d-dell fis-sajf u kenn lill-għasafar. L-arbuxelli qosra wkoll jagħtu sehemhom biex ikomplu iħaddru l-pajjiżna.

Din il-bidla f'pajjiżna, fi żmien hekk qasir josservawha wkoll il-barranin li minn żmien għal żmien iżuru l-artna. Dawn in-nies li qabel kienu jgħidu li Malta kienet nieqsa ħafna mill-ħdura illum jitħaddtu xorta oħra għax il-bidla minn dehra bajdanija tal-blat Malti għall-ħdura tas-siġar kienet waħda ta' malajr.

Biex laħaq dan l-iskop il-Gvern ta mpieg lil ħafna nies tal-Korpi tax-Xogħol li taħt il-gwida ta' l-Uffiċjali tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura, taw sehemhom biex dan ix-xogħol hekk kolossali seta' jsir.

It-tkabbir ta' din is-sezzjoni tad-Dipartiment irrekjeda tagħmir speċjali bħal ma huma bowsers biex dawn l-eluf ta' siġar ikunu jistgħu jiġu msoqqija matul is-sena kollha, muturi tal-ħart biex ineħħu l-ħaxix ħażin li jikber qalb is-siġar u muturi ta' isserrar biex jinqatgħu z-zkuk ħoxnin tas-siġar u muturi għat-tqasqis tal-ħaxix. Dan il-makkinarju kollu involva spiża ta' eluf ta' liri.

Is-siġar li jitħawwlu fit-toroq il-parti l-kbira tagħhom ġew imkabbra fil-mixtliet tad-Dipartiment f'Tal-Kmand, Sa Maison, Dar Ljuni u Notre Dame.

Is-siġar l-oħra ġew mogħtija lid-Dipartiment minn nies li jgħixu hawn Malta kif ukoll minn pajjiżi ħbieb tagħna bħall-Awstrija, l-Italja u l-Gemaherija tal-Libja.

Biex jitħawwlu 'l fuq minn 30,000 siġra fit-toroq kull sena kien jinħtieġ li jsiru eluf kbar ta' ħofor li tħaffru fl-art kif ukoll ċanet ta' ħamrija fil-ġenb tat-toroq kif ukoll 'roundabouts' u 'centre strips'.

Mhux kull siġra hija tajba biex titħawwel fit-toroq. Hemm siġar li ma jifilhux ir-riħ qawwi li ta' kuljum jonfoħ f'dawn il-gżejjer, xi siġar oħra ibagħtu bid-duħħan u jiswiedu u jmutu jekk jitħawwlu f'postijiet li huma frekwentati minn ħafna vetturi. Siġar li ma jridux ilma ta' spiss huma idejali għax inkella l-ispiża biex jinżammu dawn tkun kbira wisq. Siġar bħal dawn huma tal-prinjoli, ċipress, u casuarina.



**Dehra ferm sabiħa tal-Ġnien il-Ġdid fil-Barrakka ta' Fuq fejn qabel kien abbandunat u mimli ħaxix ħażin.**



**It-tfal, speċjalment, huma mħeġġa iħawwlu u jgħożżu s-siġar.**

**Sfortunatament hawn Malta għad hawn ħafna vandaliżmu u dawn l-atti hekk bla sens u krudili insibuhom ukoll fis-siġar li jkunu tħawwlu b'tant sagrifiċċji.** Mhux talli li xi kull tant insibu siġar u arbuxelli nieqsa imma iktar u iktar insibu siġar maħruqin bin-nar, siġar li ġew imgermin minn mogħoż li jkunu jirgħu, u oħrajn li ġew maqlugħin u mixħuta ma' l-art jew imqaċċta b'xi xafra. Dan kollu jiġi minn nuqqas ta' għożża li aħna għandna jkollna għas-siġar.

Is-siġar barra milli jsebbħu l-ambjent, jagħtuna arja iktar pura u klima inqas ħarxa. Is-siġar jikkontribwixxu biex tinżel iktar xita fuq pajjiżna, xita, li tant għandna bżonn mhux biss għall-agrikoltura imma għal kull industrija oħra.

Is-siġar, barra s-sbuħija estetika tagħhom jistgħu jintużaw għal ħafna ħwejjeġ oħra. Il-weraq ta' xi wħud mis-siġar li jitħawwlu fit-toroq bħal Acacia u Ficus għandhom il-weraq tagħhom tajjeb biex jikluh l-annimali bħal baqar, mogħoż u nagħaġ. Waqt li l-injam ta' siġar oħrajn bħal dak taċ-ċipress ġandar u żebbuġ jista' jintuża biex jintagħmlu ħafna oġġetti ta' bżonn.

B'hekk aħna naraw li s-siġar huma l-akbar ħbieb tagħna; isebbħulna pajjiżna, isaffulna l-arja li aħna ngħixu biha, jitimgħulna l-annimali tagħna u jservu bl-injam tagħhom għal ħafna bżonnijiet. Għalhekk, aħna għandna ikollna kull rispett għax-xogħol li qed jagħmel il-Gvern biex ikabbar iktar siġar u għandna nibżgħu għal dawn is-siġar minflok neqerduhom.



Il-Ministru Sant ikellem lill-Kumitat Attivitajiet Sportivi

# F'SANTA LUCIA: KUMITAT ATTIVITAJIET SPORTIVI

Il-Ministru Sant nhar is-Sibt, 18 ta' Frar kien ikellem ewlieni waqt laqgħa preliminari tal-Kumitat Attivitajiet Sportivi ta' Santa Lucia li ġie allokat post apposta fiċ-Ċentru Ċiviku tal-lokal mill-Ministeru tal-Isports.

**Waqt din il-laqgħa, li għaliha kien hemm preżenti numru sabiħ ta' rappreżentanti ta' diversi sport f'Santa Lucia, il-Ministru ħabbar li l-pitch nazzjonali tal-boċċi se jsir f'Santa Lucia.**

Huwa qal li t-twaqqif ta' dan il-Kumitat se jservi bħala prova u lokalitajiet oħrajn għandhom jieħdu l-eżempju mogħti mir-residenti ta' Santa Lucia biex ikollhom ċentri sportivi mmexxija minn kumitat maħtur mir-rappreżentanti tal-għaqdiet sportivi ta-lokal.

Min-naħa tiegħu, il-Kumitat Ċentrali ta' l-Isports tal-Ministeru jara li l-faċilitajiet provduti jsir użu tajjeb minnhom u li jintużaw mir-residenti kollha tal-lokal.

Il-Ministru Sant ħeġġeġ lil dan il-Kumitat ġdid sabiex jibda jorganizza kompetizzjonijiet għar-residenti kollha jew isir jum sportiv apposta.

## KOMPETIZZJONI TAS-SNOOKER

### Dragonara Casino kontra Rużar Briffa Hospital

Fuq inizjattiva taż-żewġ Kumitati ta' l-Isports ta' Rużar Briffa Hospital u Dragonara Casino ġiet organizzata kompetizzjoni tas-Snooker bejn l-impjegati. Din il-kompetizzjoni saret fuq bażi ta' Home u Away u pparteċipaw seba' players minn kull naħa. Iż-żewġ kumitati ħasbu għar-rigali li jingħataw lit-tim rebbieħ u lill-parteċipanti kollha. Il-premjazzjoni saret il-Ħamis, 9 ta' Frar fil-Concert Hall, Dragonara Palace Casino mill-Onor. Ministru tas-Saħħa, it-Tabib Vincent Moran li kien akkumpanjat mis-Sinjura Tiegħu u mis-Segretarju Privat tiegħu s-Sur Anthony Debono.

It-tim rebbieħ kien dak ta' Rużar Briffa Hospital, filwaqt li Anthony Buhagiar rebaħ l-unur għall-akbar break. Mistiedna għall-premjazzjoni kien hemm il-players li pparteċipaw, ħaddiema miż-żewġ naħat u s-Sur Anthony Debono, Group Chief Administrator, is-Sur Roger Castillo, Manager u Sur L. Vella, Direttur tal-Kursaal Co. Ltd. flimkien ma diversi membri tal-Management u Presidenti u Kumitati ta' l-Isports taż-żewġ naħat.

Il-Ministru Moran, wara li rringrazzja lill-Organizzaturi talli għoġobhom jistednuh għal din iċ-ċerimonja, faħħar l-inizjattiva taż-żewġ kumitati kif ukoll id-diskors sabiħ u kommoventi tal-President ta' Dragonara Casino Sports Club. Il-Ministru Moran semma ix-xogħol differenti li jaħdmu fih l-impjegati ta' l-isptar u tal-Casino u kif kompetizzjonijiet għal dawn jistgħu jkunu ta' ġid għalihom fit-twettiq ta' xogħolhom.

**Il-Ministru Moran ħa l-okkażjoni biex isemmi l-importanza li qed jagħti l-Gvern lejn l-isport u awgura li attivitajiet bħal dawn jibqgħu jsiru u jittieħdu fi spirtu sportiv kif fil-fatt saret din il-kompetizzjoni tas-snooker.**

# TAHRIĠ GHAT-TFAL TAĊ-ĊENTRU SPORT EDUKATTIV

Il-Ministru jixtieq javża li l-ġranet li fihom qed ikun hemm taħriġ għat-tfal fil-Marsa huma dawn li ġejjin:—

Is-Sibt mid-9.00 a.m. sa nofsinhar
L-Erbgħa mill-4.30 p.m. sas-6.00p.m.

Dawk il-ġenituri li jixtiequ lit-tfal tagħhom ikomplu jittrenjaw huma avżati li t-tfal jistgħu jibqgħu jattendu bħal qabel.

Ġenituri li jixtiequ li uliedhom jibdew jattendu ċ-Ċentru jistgħu jagħmlu hekk billi japplikaw bil-miktub fuq formola apposta li tinkiseb mill-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport, Sezzjoni Sport, Beltissebħ.

Saddanittant, dawk il-persuni li jixtiequ jgħinu fit-tmexxija taċ-Ċentru huma mitluba li jikkuntattjaw lill-istess Sezzjoni.

# "DARTS GHAL KULHADD"

**Ftuħ uffiċċjali tal-Kompetizzjoni**

Il-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport, s-Sur Lorry Sant, nhar il-Ħadd, 19 ta' Frar, inawgura l-kompetizzjoni "Darts għal Kulħadd" fis-sala taċ-Ċentru ta' l-Isports fil-Marsa.

**F'diskors qasir ta' l-okkażjoni, il-Ministru Sant beda billi radd ħajr lid-ditta Rothmans li mhux biss ipprovdiet il-premjijiet għar-rebbieħa imma kienet se tħallas ukoll l-ispejjeż għal safra fl-Ingilterra lit-tim rebbieħ.**

Il-premjijiet jinkludu trophy tal-fidda ferm sabiħa ddisinjata għall-okkażjoni li tinżamm għal sena mit-tim rebbieħ; sett tungsten darts "unicorn" u midalja tal-fidda mastizz għal kull wieħed mis-sitt players tat-tim rebbieħ; u midalji kif ukoll rigali oħra lill-finalisti. Il-Ministru ħabbar ukoll li kull min se jieħu sehem se jingħata ċertifikat ta' parteċipazzjoni.

**Il-Ministru Sant semma' wkoll li l-fondi għal din is-sena għall-qasam sportiv huma akbar u b'hekk se jservu ta' nkoraġġiment għal aktar ħidma wara x-xogħol enormi li sar f'dawn l-aħħar 18-il xahar.**

Wara d-diskors tiegħu, is-Sur Sant, tefa' l-ewwel dart u b'hekk iddikjara l-kompetizzjoni miftuħa.

Sadanitant, il-Ħadd, 5 ta' Marzu intlagħab it-tielet round tal-kompetizzjoni DARTS GĦAL KULĦADD li sal-lum qajjmet interess straordinarju fil-logħba. Dan jixhdu l-preżenza ta' 32 tim — 200 player b'kollox — u l-partitarji tagħhom li infallibilment jinżlu u jinvadu s-sala taċ-Ċentru Sportiv fil-Marsa.

## IS-SISTEMA METRIKA

**Materjal Pubbliċitarju**

Il-pubblikazzjonijiet li jidhru hawn taħt jistgħu jinkisbu b'xejn mill-Uffiċċju tal-Kumitat għall-Bidla għas-Sistema Metrika, 30, Triq Nofs in-Nhar, il-Belt Valletta.

Indikazzjonijiet Metriċi (vetturi)

Speedometer: Tabella għal mal-ħajt (1/77)

Ekwivalenzi Metriċi: Tabella għal mal-ħajt (2/77)

Jarda/Metru — Tabella ta' Ekwivalenzi:

Kartonċina għal fuq il-bankijiet tal-ħwienet (3/77)

Id-Drapp Jinbiegħ bil-Metru: Kartonċina għal fuq il-bankijiet tal-ħwienet (4/77 u 4A/77)

Distanzi f'Kilometri: Tabella għal mal-ħajt (5/77)

Tabella li turi l-Prezz bil-Metru mqabbel ma' dak bil-Jarda: Tabella għal mal-ħajt (6/77)

Is-Sistema Metrika għat-Tajpisti u oħrajn li għandhom x'jaqsmu mal-Kitba: Fuljett (7/77)

It-Termometru Kliniku: Kartonċina (8/77)

Metri mqabbla ma' Piedi u Pulzieri: Kartonċina (9/77)

Il-Prezz bil-Metru mqabbel ma' dak bil-Jarda: Kartonċina (10/77)

Litru Mhux Gallun: Tabella għal mal-ħajt (11/77)

Kejl ta' l-Art: Tabella għal mal-ħajt (12/77)

It-Temp bil-Gradi Celcius: Tabella għal mal-ħajt (13/77)

Ċentimetri Kwadri: Kartonċina (14/77)

Id-Drapp Jinbiegħ bil-Metru: Strixxa għall-ħwienet (15/77)

Tul ta' Oġġetti Komuni: Tabella għal mal-ħajt (16/77)

Tabelli Metriċi Lineari: Ktejjeb (17/77)

BULLETIN ta' interess ġenerali li joħroġ kull tliet xhur.

# Kultura....



**IN-NAXXAR:**

**Dehra ġenerali mill-ajru**

Il-Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura, l-Onor. Agatha Barbara fetħet wirja ta' xogħlijiet ta' l-Arti minn artisti Naxxarin kif ukoll wirja dwar l-Għaqdiet Kulturali fin-Naxxar, fis-Sala Parrokjali Naxxar nhar is-Sibt, 18 ta' Frar u b'hekk tat bidu għall-Ġimgħa Kulturali Naxxar. Qabel il-ftuħ fl-istess sala kien hemm programm mużikali għall-okkażjoni, minn mużiċisti Naxxarin.

Matul il-Ġimgħa kollha fl-istess sala saru attivitajiet kulturali.

Il-ġimgħa kulturali għalqet bi programm speċjali fis-Sala Parrokjali, il-Ġimgħa, 24 ta' Frar bl-isem "ĠRAJJIET IN-NAXXAR".

"ĠRAJJIET IN-NAXXAR" hija damma ta' daqq, kant, għana, żfin, poeżiji u proża li tat ħjiel dwar is-snin bikrin u ġrajjiet l-aktar magħrufa fl-istorja tan-Naxxar.

Din il-produzzjoni kienet ukoll tislima lin-Naxxarin kollha li għamlu ġieħ lir-raħal tagħhom u lil Malta.

F'dan il-programm ħadu sehem:— Ch. Abela Mizzi, Marija Camilleri, Ch. Coleiro, Frank Ghio, Jos. Zammit Cordina, Fr. David u l-M.S.S.P. Group, Żeffiena Zefat, Tony Camilleri u Fr. O'Niel, Tony Gauci, M'Rose Mallia, M'Ann u Vanni Pule', The Greenfields, Fredu Abela (Għannej) u Żeffiena Viva Malta.

# PJANIFIKAZZJONI KULTURALI

Il-Ministeru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura qiegħed jagħmel ħiltu kollha biex inissel f'qalb il-poplu tagħna interess kbir fl-espressjoni kulturali. Sabiex dan il-għan iseħħ, jeħtieġ li jkun hemm pjanifikazzjoni kulturali kemm ma' organizzazzjonijiet lokali kif ukoll ma' dawk barranin.

Minħabba din il-pjanifikazzjoni wiesgħa u kollettiva biex ikollna aktar xogħlijiet kulturali, artijiet barranin sikwit jitolbu lill-Ministeru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura biex jagħtihom tagħrif kulturali, biex jaraw fiex jistgħu jgħinu fl-għaqda ta' bejn in-nazzjonijiet permezz tal-Kultura.

Għal dan il-għan, il-Ministeru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura jixtieq ħafna li jiġbor tagħrif fuq kull grupp jew klabb kulturali, gruppi mużikali, ta' drama, dawk folkloristiċi jew organizzazzjonijiet oħra kif ukoll ta' individwi li flimkien qegħdin jagħtu sehemhom f'xi qasam ta' attività kulturali.

Dan it-tagħrif li għandu jiġbor fih ix-xorta ta' xogħol li wieħed qed jagħmel, l-isem u l-indirizz flimkien man-numru tat-telefon tal-persuna li tieħu ħsieb l-organizzazzjoni, għandu jintbagħat lit-Taqsima Kultura, il-Ministeru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura, Triq ir-Repubblika, Valletta.

# KARNIVAL 1978

### Parteċipazzjoni minn Ibliet u Rħula

Il-Kumitat Festi Nazzjonali għandu pjaċir iħabbar illi tnax-il belt jew raħal f'Malta, min b'mod u min b'ieħor ser jipparteċipaw fil-Karnival 1978 li ser jiġi ċċelebrat f'Misraħ il-Ħelsien, il-Belt Valletta, bejn it-12 u l-14 ta' Mejju.

Dawn huma: Birżebbuġa li ser tipparteċipa b'karru trijonfali u maskerun, Bormla b'kumpanija bil-kostum u maskeruni, Għaxaq b'banda, Gudja b'banda, il-Gżira ser tkun rappreżentata b'banda, il-Ħamrun b'karru trijonfali, karozzin imżejjen u bil-parata. L-Imsida ser tkun rappreżentata b'karru trijonfali. Qormi ser jipparteċipa b'banda, maskeruni, kumpanija bil-kostum, karettuni u karozzini mżejna. Raħal Ġdid b'banda, karru trijonfali, maskri grotteski u kumpanija tat-tfal. Valletta ser tidħol b'maskri grotteski, kumpaniji tat-tfal, kumpaniji tal-kbar Sezzjoni 'A' u Sezzjoni 'B'. Ħaż-Żabbar ser ikun rappreżentat b'karru dekorat bil-fjuri, Ħaż-Żebbuġ b'banda, karettuni u karozzini mżejna, u ż-Żejtun ser jipparteċipa b'karru trijonfali.

### Karnival fl-Irħula

Sabiex id-drawwa ta' attivitajiet Karnivaleski organizzati fl-ibliet u l-irħula (minbarra fil-Belt Valletta), tkompli tixtered il-Kumitat Festi Nazzjonali qiegħed għal darb'oħra jagħti sussidju ta' £M40 lil kull raħal jew belt li japplikaw li ser jorganizzaw xi attività karnivaleska fil-jiem tal-Karnival. Il-kundizzjonijiet huma dawn: —

1. Il-Kumitat Festi Nazzjonali jirrikonoxxi u jagħti permess biss lil organizzazzjoni waħda f'kull belt jew raħal.

2. Fl-applikazzjoni għal dan is-sussidju għandhom jingħataw id-dettalji tal-programm sħiħ ta' attivitajiet karnivaleski, jum/jiem, ħin u lokal. Il-lokal fejn isiru l-attivitajiet irid ikun fil-beraħ. Għandu jintbagħat l-isem tal-misraħ/imsieraħ, triq/toroq fejn ser isiru l-attivitajiet.

3. Min japplika huwa meħtieġ li jindika ismu u kunjomu ċari, flimkien ma' l-indirizz u n-numru ta' Identità flimkien ma' l-isem ta' l-Organizzazzjoni li għaliha jkun qed jorganizza.

4. L-applikazzjonijiet iridu jaslu għand is-Segretarju, Kumitat Festi Nazzjonali c/o Ministeru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura, Triq ir-Repubblika, il-Belt, sa nhar l-Erbgħa, il-5 ta' April f'nofs in-nhar.

5. Jekk l-applikazzjoni tiġi aċċettata mill-Kumitat, l-applikant ikun marbut li jesegwixxi l-programm kollu minnu deskritt fl-applikazzjoni u jekk dan ma jsirx il-K.F.N. iżomm id-dritt l ma jagħtix is-sussidju.

6. Il-Kumitat Festi Nazzjonali jżomm id-dritt li jillimita n-numru ta' dawn l-attivitajiet fl-irħula.

### Konkors għall-Aħjar Gallerija Mżejna

Il-Kumitat Festi Nazzjonali qiegħed iniedi konkors għall-aħjar gallerija mżejna u mixgħula b'motivi karnivaleski għall-jiem tal-Karnival.

Dan il-konkors jgħodd biss għal dawk il-gallerijiet tal-blokk ta' flats li jinsabu fuq Bieb il-Belt u dawk biss li jagħtu għal fuq Misraħ il-Ħelsien.

Il-gallerijiet iridu jkunu mżejna u mixgħula l-Ġimgħa 12, is-Sibt 13 u l-Ħadd 14 ta' Mejju.

L-ewwel premju jkun ta' £M35, it-tieni premju £M25.

Il-Kumitat iżomm id-dritt li ma jagħtix dak il-premju jew premjijiet jekk jidhirlu li ma jkunx intlaħaq il-livell mixtieq.

Il-konkorrenti jridu japplikaw sa nhar l-Erbgħa, il-5 ta' April f'nofs in-nhar u l-applikazzjonijiet jintbgħatu lis-Segretarju, Kumitat Festi Nazzjonali fl-indirizz ta' hawn fuq.


## TAĦLIX ILMA

*Uża l-ilma bil-għaqal*

*Aħsel bl-ilma tal-Bir*

*Jekk hemm xi vit iqattar*

*— irrappurtah!*

**Ċempel:**

| | |
|---|---|
| RAĦAL ĠDID | 26781 |
| ĦAMRUN | 26115 |
| BIRKIRKARA | 42156 |
| GĦAWDEX | 76433 |

*Wara l-ħin tax-xogħol*

*jew fil-Ħdud u l-Festi*

**MALTA 21901 - 24142 - 28716**

**GĦAWDEX 76457**

*DAWRA MAL-GŻEJJER*

**Il-parti ta' l-istorja antika ta' Raħal Ġdid hi meħuda mill-ktieb "Bliet u Rħula Maltin" — ta' Alfie Guillaumier**

# RAĦAL ĠDID

Meta mis-swar 'l ġewwa tat-Tlett Ibliet ma kienx hemm fejn joqgħodu nies iżjed, inħasset il-ħtieġa li tinstab art oħra qrib biex ikun iffurmat raħal.

Fl-1626 il-Gran Mastru Antoine De Paule talla' knisja fuq l-art imsejħa Tal-Għerien li tħares mill-għoli fuq il-Marsa. Mat-tlugħ tal-knisja, Santa Baldeska, xi ftit nies bdew jibnu madwar. Iżda dawn kienu ftit għaliex dak iż-żmien, il-Fewdu tal-Marsa kien iżomm għadajjar u ilmijiet wisq u kien hemm il-biża' tal-malarja.

De Paule semma dan is-subborg għal ismu "Casal Paula". Iżda l-ħsieb tiegħu li jsawwar raħal ġdid ma seħħx. Għalhekk ħareġ bandu fejn ta l-Privileġġi lill-midjunin kollha, jiġifieri li kull min imur joqgħod f'dan ir-raħal ġdid dejnu jkun maħfur. Iżda dan il-bandu kellu effett ftit li xejn.

Fis-seklu XIX meta bdew jibnu Albert Town, 'l ġewwa mill-Marsa, inqerdu l-għadajjar u n-nemus, u flokhom sar moll sabiħ. Bis-saħħa ta' dan, ir-Raħal il-Ġdid ħa r-ruħ u t-tiġrib tal-malarja spiċċa u n-nies bil-qajla l-qajla bdiet titħajjar tmur toqgħod hemm. Fis-sena 1890 kien hemm 240 dar u 1,300 ruħ. Illum Raħal Ġdid fih madwar 12,000 ruħ. L-arma ta' Raħal Ġdid hi salib tal-Kavalieri nofsu aħmar fuq kamp abjad u nofsu abjad fuq kamp aħmar. Il-motto tiegħu hu "Ordo Condodit" (L-Ordni ta' San Ġwann Bnieni).

De Paule kien bena villa għalih u żamm għal skopijiet ta' kaċċa x-xagħra kollha ta' fuq Kordin, li tibda mit-telgħa fuq Għajn Dwieli, fejn sa xi snin ilu kien hemm iż-żewġ pilastri imsejħin Bieb is-Sultan li kien bena hu stess fl-1624. Il-Gran Mastru Caraffa kien bena Palazz li sfortunatament inqered bil-gwerra. Palazz ieħor li għadu jeżisti nbena mill-Gran Mastru Perellos.

Waħda mill-kolonji ewlenin ta' żmien il-ħaġar kienet tgħammar f'Ħal-Saflieni fejn hemm il-famuż Ipoġew (tempju lill-Allat) Tempju u oqbra li l-fdal tagħhom m'għadux jidher, kienu nbnew ukoll fuq Kordin.

**Santa Baldeska (parroċċa antika)**

L-Isqof Pace waqqaf din il-Knisja f'Parroċċa għaliha u firidha mill-matriċi tagħha fit-12 ta' Lulju 1910. Knejjes oħra f'Raħal Ġdid huma l-Knisja tan-Nazzarenu, San Franġisk ta' Paola, ta' Sant'Antnin, il-Kunvent tal-Kappuċċini u Sant' Antnin ta' Padua.

**Kristu Re**
**Knisja Parrokkjali**

Il-Kappillan Dr Dun Nerik Bonnici ħaseb biex jibni knisja ġdida u akbar u fada il-pjanta f'idejn il-Perit Edwin Vassallo. Is-Sur Ġużè Damato mgħallem fil-bini tal-knejjes, ta parir li l-knisja jixirqilha lok ġdid f'nofs il-pajjiż u ssuġġerixxa li jinbena l-misraħ li dak iż-żmien kien għadu raba. L-istil tal-faċċata tal-knisja hu meħud minn dik tal-Marsa. L-ewwel ġebla tqegħdet fit-30 ta' Ġunju 1923. Il-festa għamilha l-Kapillan Dr Dun Salv Chircop. Il-bini ta' din il-knisja sostanzjalment kien lest f'Novembru tal-1959 bit-tqegħid ta' sallib fuq il-koppla.

Fil-knisja nsibu xi vari tal-Ġimgħa l-Kbira. Dawn ħadimhom Antonio Farrugia li ħadem ukoll l-istatwa ta' Kristu Re. Id-Duluri nħadmet minn Wistin Camilleri.

Il-Knisja ġiet ikkonsagrata solennement mill-Arċisqof Gonzi nhar is-Sibt, 3 ta' Ġunju, 1967.

**Parroċċa Madonna ta' Lourdes**

Fil-15 ta' Awissu 1963 sar it-tqegħid u t-tberik ta' l-ewwel ġebla ta' din il-knisja mill-Arċisqof Gonzi. Fl-10 ta' Frar 1965 ġiet ċelebrata l-ewwel quddiesa u tlett snin wara bdiet issir il-Festa Titulari u tbierket il-pittura maħduma minn Emvin Cremona. Fit-22 ta' Settembru, 1974 Mons. Arċisqof waqqafha f'parroċċa immexxija mill-Kappillan Dun Victor Zammit McKeon.

**Santa Marija Addolorata**

L-ewwel xogħol taċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata ta' stil Gotiku nbeda fl-1862 fuq il-Għolja msejħa tal-Horr u tlesta fl-1868. Fis-sena ta' wara, il-Gvern ipprojbixxa d-dfin fl-Ibliet.

**Raħal Ġdid — il-Pjazza**



**Il-Ħabs ta' Kordin**

Il-pjanta ewlenija tal-ħabs saret mill-Arkitett Arrowsmith fl-1850 li kien kollettur tad-Dwana.

**Fdalijiet Qodma**

Fl-inħawi ta' Raħal Ġdid instabu għadd ta' fdalijiet qodma, fosthom diversi oqbra Puniċi u Feniċi.

**L-Ipoġew ta' Ħal-Saflieni**

Fl-1902 saret waħda mill-akbar sejbiet tas-seklu għall-qedem tagħhom meta ġew skavati bosta ċellel u kmamar maqtugħin fil-blat, li wara saru magħrufin bħala Ipoġew. Hu kkalkulat li dan it-tempju għandu mat-3,000 sena Qabel Kristu.

## XOGĦLIJIET F'RAĦAL ĠDID

Meta tħares mill-ajru fuq Raħal Ġdid, l-ewwel ħaġa li tolqtok hu l-pjan hekk regulari li bih hu mibni dan il-post. It-tieni ħaġa li timpressjonak hi d-densità qawwija ta' bini li fih. Kien għalhekk li l-aċċenn li ngħata ġo din il-belt mill-Gvern Soċjalista kien dak li joħloq ambjent kemm jista' jkun arjuż. Għal dan il-għan ittieħdet kull opportunità biex possibbilment kwalunkwe roqgħa art li setgħet tinstab tiġi mibdula f'post għall-kumdità tal-poplu. Dan sar sabiex in-nies ta' Raħal Ġdid ikunu jistgħu jgawdu l-ftuħ u l-ħdura li qabel tant kienu neqsin minnhom.

Forsi l-aktar ġnien pubbliku li llum huwa popolari u għal qalb in-nies ta' Raħal Ġdid huwa dak ta' Wied Blandun. Nistgħu ngħidu li permezz ta' dan il-ġnien, il-Gvern preżenti sawwar opra minn miżbla u hekk irnexxielu jbiddel wiċċ Raħal Ġdid.

Ġnien pubbliku ieħor li jkompli jsebbaħ l-ambjent hu dak ta' ħdejn ix-Schreiber Sports Ground li jaħbat fuq Triq Mater Boni Consigli — naħa oħra li sa ftit ilu kienet rokna ta' l-iskart. Illum flok dan il-ħmieġ, insibu ġnien imdaqqas u attraenti, imdawwar bi kwantità ta' balavostri u mgħammar b'għadd ġmielu ta' siġar u bankijiet. Dan il-ġnien qed jagħti aspett totalment differenti lil dak l-abitat li llum jinsab ferm aktar nadif u bil-bosta aktar arjuż.

Determinat li jkompli jħaddar u jnaddaf Raħal Ġdid, il-Gvern, fuq in-naħa ta' wara tal-Ħabs ta' Kordin, ifforma ġnien ieħor li fih insibu mijiet ta' siġar tal-frott li barra li jsebbħu dawk in-naħat, ikomplu jikkontribwixxu fit-tkabbir tal-prodott agrikolu lokali. Dan il-ġnien nafuh bħala "Ġnien Gaddafi".

F'dawn l-aħħar snin, il-Gvern Soċjalista kompla irranġa u jsebbaħ inħawi oħra ta' Raħal Ġdid li fl-imgħoddi kienu mitluqin. Fost dawn hemm il-pjazza li saret quddiem il-Kunvent ta' St Joseph f'Żabbar Road.

**Ilma u Drenaġġ**

Il-Gvern estenda s-servizz tal-mains ta' l-ilma f'Raħal Ġdid kull fejn kien jinħtieġ, speċjalment fl-Industrial Estate ta' Kordin. Ġew ukoll rinovati għadd kbir ta' mains ta' l-ilma. Barra dan, fi sforz biex jinġema' kemm jista' jkun aktar ilma l-Ministeru tax-Xogħlijiet ħaseb biex jibni żewġ ġibjuni li bejniethom jesgħu 650,000 gallun. Wieħed jinsab ma' ġenb iċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata u l-ieħor qiegħed f'Ħal Saflieni.

Il-Gvern ħaseb biex estenda s-sistema tad-drenaġġ f'bosta triqat bħal ma huma: Upper Church Avenue, Mater Boni Consigli Street, Wied Blandun, Thistle Lane, Valletta Road, St Aloysius Street u bosta oħrajn.

**Djar**

F'Raħal Ġdid m'hemmx fejn tespandi aktar f'dak li hu bini ta' djar.

L-unika biċċa art li setgħet tiġi żviluppata kienet dik li qiegħda wara ċ-Ċentru Ċiviku. Hawnhekk il-Gvern irnexxielu joħroġ għadd ta' flats għal ħaddiema.

**Sports**

Għaż-żgħażagħ sportivi ta' dan il-lokal, il-Gvern ħaseb biex dawwar il-bitħa kbira li hemm ma' ġenb l-Għassa fi ground żgħir fejn dawn ikunu jistgħu jilagħbu. Għat-Tim ta' l-"amateurs" Pawla Wolves il-Gvern bena żewġ "dressing-rooms".

**Toroq**

Xogħol intensiv ieħor sar fit-toroq. Dan kien programm tassew kbir li wassal biex jinksew it-toroq kollha bit-tarmak. Ngħata wkoll l-asfalt lil għadd kbir ieħor ta' toroq ġodda.

Minn dan kollu, il-Vjal 28 ta' April, 1958 li jagħmel parti mil-proġett li twettaq f'Wied Blandun, hu klassi għalih. L-għaqal, il-loġika, u sa ċertu punt is-sempliċità li bihom tfasslet din it-triq jispikkaw ħafna.

**Vjal 28 ta' April 1958 fuq Wied Blandun**





Rahal Gdid mill-ajru

IPPUBBLIKAT MID-DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI — STAMPAT FL-U.C.S. — STAMPERIJA TAL-GVERN